31988R0411



# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) NRU 411/88
## tat-12 ta' Frar 1988
## fuq il-metodu u r-rata ta' imgħax li għandhom ikunu użati għall-kalkular ta' l-ispejjeż ta' finanzjar tal-miżuri ta' intervent li jinkludu x-xiri, il-ħażna u l-bejgħ

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1883/78 tat-2 ta' Awissu 1978 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-finanzjar ta' interventi mill-Fond ta' Garanzija u Gwida għall-Agrikoltura Ewropea, Taqsima ta' Garanzija [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2095/87 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi d-dispożizzjonijiet dwar il-kalkolu ta' l-ispejjeż ta' finanzjar tal-miżuri ta' intervent li jinkludu x-xiri, il-ħażna u l-bejgħ, inizjalment imfassal bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 467/77 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) 331/87 [4], ġie emendat diversi drabi mill-adozzjoni tagħhom; billi, minħabba n-numru tagħhom, id-diffikultà u t-tixrid ma' diversi ħarġiet tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, il-kitbiet rilevanti huma diffiċli biex jintużaw u għalhekk m'għandhomx il-kjarezza li hija meħtieġa għall-leġislazzjoni kollha; billi għalhekk huma għandhom ikunu konsolidati;

Billi, skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1883/78, jittieħed kont għal kull Stat Membru u għal kull sena finanzjarja li juri t-telf nett sostnut mill-aġenziji ta' intervent konċernati;

Billi dawn il-kontijiet jinkludu l-ispejjeż tal-finanzjament li għandhom ikunu kalkulati b'metodu u b'rata ta' imgħax adottati skond il-proċedura mfassla fl-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3769/85 [6];

Billi l-ispejjeż tal-finanzjament għandhom ikunu kalkulati skond il-metodu li jieħu kont tal-volum tal-ħażniet, tal-metodi differenti li bihom l-oġġetti jiġu ppreżentati għall-intervent, tat-tnaqqis fil-valur ta' l-oġġetti maħżuna mill-bidu tas-sena finanzja u wkoll tat-tibdil fil-prezzijiet ta' intervent ta' prodotti matul is-sena finanzjarja; billi dan il-metodu għandu jkun faċli biex jiġi applikat;

Billi r-rata ta' l-imgħax trid tkun rappreżentattiva ta' l-ispejjeż tal-flus li jipprevalu fil-Komunità;

Billi, bil-ħsieb li jkun żgurat li l-estimi tal-Komunità jkomplu jiġu implimentati skond kondizzjonijiet xierqa, ir-Regolament (KEE) Nru. 1883/78 jawtorizza lill-Kummissjoni biex tiffissa r-rata ta' l-imgħax uniformi f'livell taħt il-livell rappreżentattiv tagħha għas-snin ta' l-estmi ta' l-1986, 1987 u l-1988; billi s-sena ta' l-estimi tinkludi, għal din it-tip ta' nefqa, spiża fuq l-operazzjonijiet materjali mill-1 ta' Ottubru tas-sena ta' qabel sat-30 ta' Settembru, billi, f'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rata ta' l-imgħax tnaqqset għal 7 %;

Billi t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1883/78 ta s-saħħa lill-Kummissjoni biex tiffissa rata ta' imgħax uniformi f'livell iktar baxx fil-każ ta' Stati Membri li għandhom spejjeż ta' imgħax inqas minn dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tar-rata ta' imgħax uniformi għal kalkular ta' l-ispejjeż finanzjarji; billi r-rata ta' l-imgħax uniformi ġiet iffissata għal 7 % mill-1 ta' Diċembru 1985; billi meta mqabbla massitwazzjoni ta' l-1985, ir-rata ta' l-imgħax f'żewġ Stati Membri waqgħet taħt ir-rata ta' l-imgħax uniformi matul l-1986; billi r-rata ta' l-imgħax speċifika li għandha tkun applikata f'dawk l-Istati Membri għandha tkun iffissata;

Billi l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1883/78 jipprovdi li fejn il-prodotti in kwistjoni jesperjenzaw tnaqqis fil-valur bħala riżultat tal-ħażna, l-effett finanzjarju tiegħu għandu jkun reġistrat u jittieħed kont filwaqt tad-dħul fl-intervent; billi l-bażi għall-kalkular ta' l-ispejjeż tal-finanzjament li jintużaw biex ikun deċiż it-telf net ta' l-aġenziji ta' l-intervent hi għalhekk mibdula; billi t-tnaqqis fil-valur korrispondenti jrid għalhekk jittieħed in konsiderazzjoni meta tikkalkula l-valur medju għal kull tunnellata tal-prodott;

Billi, skond ir-regoli li jirregolaw l-organizzazzjonijiet tas-suq komuni, tista' ssir dispożizzjoni għall-ħlas ta' prodott miksub minn aġenzija ta' l-intervent li għandha taffettwa biss wara ċertu perjodu; billi l-metodu użat għall-kalkular tal-ħlas ta' l-imgħax għandu jkun għalhekk aġġustat biex jieħu kont tal-perijodu ta' ħlas meta dan hu stipulat fir-regoli;

Billi, fejn ħlas għal prodott miksub minn aġenzija ta' l-intervent huwa effetwat wara ċertu perijodu, l-kwantitajiet li jintużaw għall-kalkular ta' ħlasijiet ta' l-imgħax għandhom ikunu mnaqqsa; billi jidher li, bħala konsegwenza ta' l-estensjoni tal-perijodi ta' ħlas u

[1] ĠU L 216, tal-5.8.1978, p. 1.
[2] ĠU L 196, tas-17.7.1987.
[3] ĠU L 62, tat-8.3.1977, p. 9.
[4] ĠU L 32, tat-3.2.1987, p. 10.
[5] ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 13.
[6] ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 17.

ta' xiri sostanzjali f'ċerti setturi fl-aħħar tas-sena finanzjarja, dan it-tnaqqis jista' jipproduċi riżultat negattiv; billi l-metodu ta' kalkulazzjoni għandu jkun aġġustat biex jieħu kont ta' dan l-effett;

Billi r-regoli li jirregolaw l-organizzazzjonijiet tas-suq komuni jew tal-ħruġ ta' appalti tal-Komunità li jirregolaw il-bejgħ tal-prodotti agrikoli f'intervent pubbliku jistgħu jħallu lix-xerrej ta' dawn il-prodotti perijodu ta' żmien li fih ineħħihom, la darba jsir il-ħlas; billi l-metodu għall-kalkulazzjoni tal-ħlas ta' l-imgħax għandu jinbidel biex jieħu kont taż-żmien tat-tneħħija;

Billi, minħabba l-livelli eċċezzjonalment għolja ta' ħażniet ta' ċerti prodotti agrikoli fil-ħażna ta' l-intervent, il-Kummissjoni, f'ċertu drabi, ħasbet għal perijodu li fih jista' jsir il-ħlas wara li x-xerrej neħħa l-prodotti mill-maħżen; billi hu għalhekk xieraq, bħala miżura eċċezzjonali, li jkun aġġustat il-metodu għall-kalkulazzjoni tal-ħlasijiat ta' l-imgħax għall-bejgħ konċernat, sabiex jieħu kont ta' dan il-perijodu għall-ħlas;

Billi l-miżuri maħsuba f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-kumittat tal-FEKGA,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. L-ispejjeż ta' l-imgħax riferiti fl-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3247/81 [1] għandhom ikunu kkalkulati bl-applikar tar-rata iffissata fl-Artikoli 3 u 4 (2) tiegħu mal-valur medju għal kull tunnellata ta' prodott li kien is-suġġett ta' intervent u billi timmultiplika ċ-ċifra miksuba bil-medja ta' l-istokk fuq is-sena finanzjarja in kwistjoni.

2. Il-valur medju għal kull tunnellata ta' prodott għandu jkun ikkalkulat billi tinqasam is-somma tal-valur ta' prodotti fil-maħżen fl-ewwel jum tas-sena finanzjarja u l-valur tal-prodotti mixtrija matul dik is-sena bis-somma tal-kwantitajiet ta' prodotti fil-maħżen fl-ewwel jum tas-sena finanzjarja u l-kwantitajiet ta' prodotti mixtrija matul is-sena finanzjarja.

3. L-istokk medju għas-sena finanzjarja għandu jkun ikkalkulat billi jiżdied l-istokk totali fil-bidu ta' kull xahar ma' l-istokk totali fl-aħħar ta' kull xahar u tiddividi t-total hekk ottenut bin-numri ta' xhur fis-sena finanzjarja għal darbtejn.

[1] ĠU L 327, ta' l-14.11.1981, p. 1.

*Artikolu 2*

1. Meta koeffiċjent ta' tnaqqis fil-valur hu iffissat għal prodott skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 1883/78, il-valur tal-prodotti mixtrija matul is-sena finanzjarja għandu jkun ikkalkulat billi timmultiplika l-prezz tax-xiri b'dan il-koeffiċjent.

Fil-każ ta' prodotti li għalihom ikun ġie ffissat tnaqqis fil-valur skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 1883/78, il-kalkular ta' l-istokk medju għandu jsir qabel id-data effettiva ta' kull tnaqqis fil-valur meħud għall-iskopijiet tal-valur medju.

2. Fejn hu stipulat, fir-regoli li jirregolaw l-organizzazzjonijiet tas-suq komuni, li l-ħlas għal prodott mixtri minn aġenzija ta' l-intervent ma jistax ikun effetwat qabel ma jgħaddi minimu ta' xahar wieħed mid-data ta' l-aċċettazzjoni tal-konsenja, l-istokk medju kkalkulat skond il-paragrafu 3 għandu jkun imnaqqas bi kwantità li tirriżulta mill-kalkolu li ġej:

$$\frac{Q \times N}{12}$$

Q = kwantitajiet mixtrija matul is-sena finanzjarja,

N = in-numru ta' xhur għal perijodu minimu għal ħlas.

Għall-iskopijiet ta' dan il-kalkolu, il-perijodu minimu mogħti fir-regoli għandu jittieħed bħala l-perijodu għal ħlas. Xahar għandu jittieħed bħala li jikkonsisti fi 30 jum. Kull parti ta' xahar itwal minn 15-il jum għandha tkun ikkunsidrata bħala xahar sħiħ; kull parti ta' xahar daqs jew inqas minn 15-il jum m'għandiex tittieħed in konsiderazzjoni għal dan il-kalkolu.

Meta l-kalkolu ta' l-istokk medju fl-aħħar tas-sena jagħti riżultat negattiv la darba t-tnaqqis riferit fl-ewwel subparagrafu ġie effettwat, dak l-ammont għandu jitnaqqas mill-istokk medju kkalkulat għas-sena finanzjarja ta' wara.

3. Meta, għall-bejgħ ta' prodotti minn aġenziji ta' l-intervent, ir-regoli li jmexxu l-organizzazzjoni tas-suq komuni jew is-sejħiet għall-appalti jħallu x-xerrej ta' dawn il-prodotti perijodu ta' żmien li matulu jneħħihom, la darba l-ħlas isir, u meta dan il-perijodu jeċċedi 30 jum, l-ispejjeż finanzjarji kkalkulati skond il-paragrafi preċedenti għandhom ikunu mnaqqsa bl-ammont li joħroġ mill-kalkolu li ġej:

$$\frac{V \times J \times i}{365}$$

V = ammont imħallas mix-xerrej,

J = numru ta' jiem bejn il-ħlas u t-tneħħija tal-prodott, inqas 30,

i = ir-rata ta' l-imgħax speċifikata fi

4. Dwar bejgħ ta' prodotti agrikoli mill-aġenziji ta' l-intervent ibbażati fuq regolamenti Komunitarji speċifiċi, meta l-perjodu attwali għal ħlas wara t-tneħħija ta' dawn il-prodotti teċċedi 30 jum, l-ispejjeż tal-finanzjament ikkalkulat skond il-paragrafi preċedenti għandhom jiżdiedu bl-ammont li joħroġ mill-kalkolu li ġej:

$$\frac{M \times D \times i}{365}$$

M = ammont li għandu jitħallas mix-xerrej,

D = numru ta' jiem bejn it-tneħħija tal-prodott u l-ħlas, inqas 30,

i = rata ta' imgħax speċifikata fl-Artikolu 3.

*Artikolu 3*

Ir-rata ta' imgħax riferita fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1883/78 għandha tkun 7 %.

*Artikolu 4*

1. Jekk ir-rata ta' l-ispejjeż ta' l-imgħax li jeħel Stat Membru hija inqas għal mill-inqas 6 xhur mir-rata ta' l-imgħax uniformi iffissata għall-Komunità, għandha tkun iffissata rata ta' imgħax speċifika għal dak l-Istat Membru.

2. Għall-perijodu li jibda fl-1 ta' Diċembru 1986, ir-rata ta' l-imgħax speċifika għandha tkun:

— 6 % għall-Ġermanja,

— 6 % għall-Olanda.

*Artikolu 5*

Ir-Regolament (KEE) Nru 467/77 huwa hawnhekk imħassar.

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Frar 1988.

*Għall-Kummissjoni*

Frans ANDRIESSEN

*Viċi-President*